**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 4/2017JB

Numru: 18

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Josef Alwan (K.I.: 339796M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-23 ta' Jannar 2017 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u wiehed u tmenin euro u tlieta u hamsin centezmu (€781.53) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali prezentata fis-27 ta' Gunju 2016 (a fol 12) u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Frar 2017 (a fol 7);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 9ter), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata'*

*sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €781.53 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Diane Farrugia
*Deputat Reġistratur*